MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tat-2 ta' Mejju, 2007

Citazzjoni Numru. 850/2004

**Av. Dr. Pio Maria Valletta**

**vs**

**Rosalie Darmanin**

**Il-Qorti:**

Rat il-verbal tas-17 ta` Jannar, 2007 fejn il-konvenuta tablet li din il-Qorti tissoprassjedi fis-smiegh tal-kawza in vista tal-proceduri kostituzzjonali ntavolati dakinhar.

Innotat l-oppozizzjoni tas-socjeta` attrici ghal din it-talba.

Rat in-nota tal-istess konvenuta in sostenn tat-talba taghha.

Rat ir-risposta ghal din in-nota pprezentata mis-socjeta` attrici.

Ikkunsidrat illi:

Huwa kompletament fid-diskrezzjoni tal-Qorti jekk tilqax talba ghas-soprassjoni jew tichadx tali talba. Il-Qorti hija obbligata tissoprassjedi biss f`kaz li jaqa` fl-ambitu tal-Art. 46(3) tal-Kostituzzjoni, li tipprovdi ghall-kaz meta l-istess Qorti taghmel referenza hi stess lill-Qorti Kostituzzjonali, kaz li ovvjament m`huwiex dak li ghandha quddiemha prezentement. F`dan il-kaz quddiemha, kienet l-istess konvenuta li bdiet il-proceduri kostituzzjonali. Ghaldaqstant, ir-rimedju tas-soprassessjoni jibqa` biss fakoltattiv.

Issa l-Qrati Maltin kellhom diversi okkazzjonijiet fejn ippronuncjaw ruhhom dwar l-ezercizzju ta` din il-fakolta`.

Mid-diversi sentenzi johorgu zewg principji fondamentali:

1. l-obbligu ta` kull Qorti li tisma` u tiddeciedi kull kawza fi zmien ragonevoli skond ic-cirkostanzi tal-kaz partikolari; u

2. li bhala tali s-soprassjoni m`hijiex komtemplata fis-sistema guridiku Malti tilef f`kazijiet ta` *'lis alibi pendens'* u l-konnessjoni ta` kawzi; li pero` huma istituti differenti u dawn kif tajjeb enuncjati fis-sentenza (Onor. Imh. A. Depasquale vs Avukat Generali) (1 ta` Gunju, 2001).

Wiehed jinnota wkoll dak li qalet il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet Dottor Alfred Mifsud vs Onorevoli Prim Ministru deciza fl-20 ta` Lulju, 1994. *"Is-sopprassessjoni hija, minnha nnifisha mizura eccezzjonalissima ghaliex tiffrena l-andament normali ta` kawza b`mod billi twaqqaf ghalhekk dik l-ispeditezza li tesigi l-gustizzja biex kull kawza tinqata` fi zmien ragonevoli".*

Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza *"Lawrence Cuschieri vs Onor. Prim Ministru"* kif citata fid-decizjoni gia msemmija: (Onorevoli Imhallef A. Depasquale vs Avukat Generali).

*"Huwa car illi din il-minaccja li avvertiet is-sentenza tal-Qorti ta` l-Appell "Spiteri vs Sghendo" jigifieri li s-soprassessjoni ghandha l-effett li tipparalizza totalment il-funzjonament tal-Qrati u ta` l-amministrazzjoni tal-gustizzja qieghda tavverra ruhha. Di fatti llum, bl-access li nfetah ghal proceduri quddiem l-organi gudizzjarji tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem, li nholqu bil-Konvenzjoni ghal Protezzjoni tad-Drittijiet Umani w il-Libertajiet Fundamentali, li ghandhom is-sede taghhom fi Strasbourg, is-sentenzi kollha ta` din il-Qorti, inkwantu kollha huma passibbli ta` ulterjuri ezami hemmhekk huma kollha soggetti ghal paralizi specjalment fil-fazi ezekuttiva taghhom jekk din il-Qorti, skond is-sentenza appellata, jkollha tissoprassjedi, fil-kazijiet kollha fejn isir rikors ghal dawn l-organi;*

*Is-soprassessjoni fuq il-linji msemmija fis-sentenza appellata tispicca biex tigi ekwivalenti ghal fonti ta` ingustizzja profonda ghaliex effettivament tissospendi l-implimentazzjoni u l-attwazzjoni tal-gustizzja tal-litigju fi zmien ragonevoli"*.

Il-kaz li ghandha quddiemha l-Qorti llum huwa precizament ta` din in-natura li ghaliha rreferiet il-Qorti f`dan il-kaz precitat. Il-Qorti ma ssib ebda raguni ghala ghandha tiddipartixxi minn dan l-insenjament.

Ghaldaqstant, il-Qorti tipprovdi billi tichad it-talba ghas-soprassessjoni maghmula fis-17 ta` Jannar, u tordna li l-kawza tkompli tinstema' regolarment.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------